**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 2 ta' Mejju 2001**

**Rikors Nru: 37/99B**

**Emanuel Formosa u Victor Portelli**

**Vs**

**Joseph Turner**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors fejn l-esponenti wara li qalu li;

1) huma jikru l-fond hanut V + M Self Service f' Triq Victor Vassallo, Misrah Kola, Attard versu l-kera ta' tlett liri u ghoxrin centezmu (Lm3.20c) kuljum, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem.

2) huma ghandhom bzonn il-hanut ghall-uzu taghhom.

3) il-hanut ilu ma jintuza zmien twil u jinsab maghluq.

Talbu li

Jigu awtorizzati ma jgeddux aktar il-kera u li l-intimat jigi ordnat jizzgombra mill-fond.

Ra r-risposta ta' l-intimat li qal li;

1) t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt (?) bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

2) ir-rikorrenti ilhom perjodu twil jippruvaw jergghu jirriprendu l-hanut in kwistjoni taht kwalunkwe forma bi skuza jew argument u mhux veru xejn illi ghandhom bzonn il-hanut ghall-uzu taghhom u dan bhal ma jafu ben tajjeb.

3) il-hanut huwa post kummercjali liema fond gie mikri bhala post kummercjali u dan bhal ma jafu ben tajjeb l-istess rikorrenti u ghalhekk kull argument jew talba da parti taghhom ghar- ripresa tal-hanut, ghandu jigi negat, salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha;

Ra l-verbal tat-28 ta' Frar 2001

Ikkunsidra,

1) Illi l-ewwel kawzali tar-rikorrenti hija li huma ghandhom bzonn il-hanut ghall-uzu taghhom. Din il-kirja hi regolata minn ftehim tal-4 ta' Dicembru 1990 fejn gie stipulat li l-fond ghandu jintuza bhala 'grocer'. Ix-xhieda tar-rikorrenti tirreferi dejjem ghall-hanut, fond minn fejn jinbieghu l-affarijiet. 'Hanut' skond il-ligi ma jistax jintalab lura mis-sid ghax hu ghandu bzonnu. Ghalhekk it-talba msejsa fuq din il-kawzali qed tigi michuda.

2) It-tieni kawzali tar-rikorrenti hija li l-hanut ilu ma jintuza u jinsab maghluq. L-intimat f' din il-kawza ma xehedx u lanqas ressaq xhieda. Meta xehed ir-rikorrent Emanuel Formosa huwa semma meta thallset l-ahhar kera mill-intimat. Huwa car, meta jitqabblu d-dati tal-hlas ma xhieda ohra, li l-ahhar kera thallset f' Settembru 1998. Hlas iehor li jissemma sar qabel u mhux wara din id-data. Dan qed jinghad billi r-rikors gie pprezentat fit-12 ta' Marzu 1999. Wara l-prezentata tar-rikors ma thallset l-ebda kera.

3) Illi x-xhieda li ghandu l-Bord quddiemu hija dik tar-rikorrent Emanuel Formosa (fol 12-14) u Victor Portelli (fol 14-15) u tax-xhieda minnhom prodotti Francis Vella (fol 18-19) u John Cassar (affidavit a fol 26). Minn dan jirrizulta li ghal xi ftit aktar minn sena qabel il-prezentata tar-rikors il-hanut inzamm maghluq. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. Il-gurisprudenza tghallem li n-non-uzo jekwivali ghal bdil ta' uzu jew destinazzjoni u s-sid ghandu jedd jitlob il-fond lura.

Ghalhekk billi l-fond qieghed jinzamm maghluq u ma jintuzax il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond/hanut V + M Self Service fi Triq Victor Vassallo, Misrah Kola, Attard; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahar mill-llum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

Dep.Reg Magistrat